MALTA

# QORTI CIVILI
## PRIM' AWLA
### ONOR. IMHALLEF
### SILVIO MELI

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2014

Citazzjoni Numru. 430/2012

Carmlu **Limited**

**(C-18879)**

**vs**

**Ivan Calleja**
**(ID No 128378M)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-30 t'April, 2012, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1 Illi l-intimat ghandu jhallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont ta' sittax-il elf mitejn u tmintax-il Ewro u sebgha u sebghin centezmu, (€16,218.77), bilanc ta' merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata;

1.2. Illi nonostante li interpellat diversi drabi, l-intimat baqa' inadempjenti;

1.3. Illi l-ammont dovut mill-intimat lis-socjeta` rikorrenti hu cert, likwidu u dovut, u l-intimat m'ghandu l-ebda eccezzjoni x'jipprezenta fir-rigward;

1.4. Illi ghalhekk is-socjeta` rikorrenti aderiet din il-Qorti bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza *ai termini* tal-artiklu 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta biex din;

1.4.1. Tikkundanna lill-intimat biex ihallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma fuq indikata, (ara paragrafu wiehed punt wiehed, (1.1), aktar qabel, rapprezentanti il-bilanc ta' prezz ta' merkanzija lilu mibjugha w ikkonsenjata;

1.4.2. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur u bl-imghaxijiet kummercjali mis-16 ta' Settembru, 2004, data ta' l-ahhar konsenja;

2.0. Rat id-digriet taghha datat id-29 ta' Mejju, 2012, li permezz tieghu, wara li semghet ir-rapprezentanti legali rigward id-dispensa tas-smiegh tal-kawza, u stante li hemm ragunijiet bizzejjed fir-rigward, ikkoncediet it-terminu hemm indikat biex l-intimat jirrispondi ghat-talbiet tas-socjeta` rikorrenti;

3.0. Rat ir-risposta tal-intimat Calleja datata t-18 ta' Gunju, 2012, li permezz taghha sintetikament wiegeb is-segwenti;

3.1. Illi t-talba tas-socjeta` rikorrenti hi infondata;

3.2. Illi dak li l-intimat kien xtara kien gie kkonsenjat lura lis-socjeta` rikorrenti;

3.3. Illi dak li nzamm u kien mibjugh lil terzi kien parti zghira mill-istess ammont;

4. Rat il-verbal taghha datat id-19 ta' Novembru, 2013, li permezz tieghu issottolineat li nonostante li l-udjenza in dizamina kienet appozitament rizervata bil-hin ghall-provi tal-intimat, l-istess intimat irrizulta assenti u minghajr gustifikazzjoni;

5. Illi tali assenza hekk ingustifikata hi ekwivalenti ghal dikjarazzjoni li hu m'ghandux provi x'jipproduci;

6. Ezaminat id-dokumenti u x-xhieda pprezentata;

7. Rat il-verbal datat l-10 ta' Dicembru, 2013, li permezz tieghu jirrizulta li l-abbli rapprezentant legali tas-socjeta` rikorrenti ghazel li jistrieh fuq il-provi prodotti waqt li dak tal-intimat kien imsejjah biex jidher, u ma giex, (ara fol 28);

Ikkunsidrat;

8.0. Illi l-fatti rilevanti li taw lok ghall-procedura in dizamina jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti;

8.1. Illi x-xoghol tas-socjeta` rikorrenti hu li timporta hwejjeg u tbieghhom lill-hwienet lokalment;

8.2. Illi minhabba li l-intimat kellu relazzjoni ma’ bint id-diretturi tas-socjeta` rikorrenti ttiehdet decizjoin li l-istess intimat jigi assistit mill-istess socjeta` rikorrenti;

8.3. Illi ghalhekk l-intimat Calleja gie meghjun jiftah hanut il-Hamrun u inghata x-xoghol mis-socjeta` rikorrenti bil-kundizzjoni li meta jbiegh il-merkanzija lilu hekk moghtija kellu jhallas l-ammonti minnu dovuti, izda li l-kwantita` mhux minnu mibjugha kellha tittiehed lura mill-istess socjeta` fornitrici;

8.4. Illi s-socjeta` rikorrenti hallset ukoll il-kera tal-hanut li l-intimat kien qed jiggestixxi;

8.5. Illi s-socjeta` rikorrenti kienet ukoll tforni lill-intimat b’merkanzija li hi ma kienitx solitament tikkumercja fiha, billi tixtrihom ghalih minghand haddiehor;

8.6. Illi meta r-relazzjoni sentimentali bejn l-intimat u bint id-diretturi tas-socjeta` rikorrenti spiccat, ir-relazzjoni kummercjali bejn il-kontendenti giet ukoll terminata kompletament (ara fol 22);

8.7. Illi konsegwenza ta’ din it-terminazzjoni tar-relazzjoni kummercjali, is-socjeta` rikorrenti hadet lura x-xoghol ikkonsenjat lill-intimat u mhux minnu mibjugh, (ara fol 22);

8.8. Illi ghalkemm l-intimat kien hallas lis-socjeta` rikorrenti ghal xi konsenji ta’ merkanzija lilu kkonsenjata, jirrizulta li ghad ghandu jhallas lill-istess socjeta` l-ammont minnha mitlub fir-rikors guramentat promotur;

8.9. Illi *di piu*`, wara li s-socjeta` rikorrenti irriprendiet il-merkanzija fil-pussess tal-intimat u mhux minnu mibjugha, l-istess intimat iffirma skrittura li permezz taghha ikkonferma li ghandu jaghti lis-socjeta` rikorrenti l-ammont ta’ hamest elef, tmin mija u disgha u tletin Lira Maltin, u wiehed u ghoxrin centezmu, (Lm5,839.21), (ara fol 24), u mhux Ewro kif erroneament indikat mix-xhud a fol 23 tal-process;

8.10. Illi apparti l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti, l-intimat ghandu jaghti lis-socjeta` rikorrenti l-ammont ta’ elf mija u tnejn u ghoxrin Lira Maltin, (Lm1,122.00), rapprezentanti kera tal-hanut fuq riferit u xoghol iehor li l-istess intimat kien biegh izda qatt ma hallas lis-socjeta` rikorrenti ghall-istess, oltre affarijiet ohra (ara fol 23);

8.11. Illi ghar-ragunijiet fuq esposti, l-intimat ghad ghandu jirrifondi l-ammont indikat fir-rikors guramentat promotur lis-socjeta` rikorrenti, (ara fol 23);

Ikkunsidrat;

9.0. Illi minn naha tieghu l-intimat informa lill-Qorti bis-segwenti:

9.1. Illi jaf li ghandu jaghti ammont ta’ flus lis-socjeta` rikorrenti, (ara fol 19);

9.2. Illi pero` isostni li ma jafx kemm hu dan l-ammont minnu dovut lis-socjeta` rikorrenti, (ara fol 19);

9.3. Illi l-intimat ghandu rendikont tal-ammont minnu dovut lis-socjeta` rikorrenti;

9.4. Illi l-intimat ma kienx prezenti meta izzarma l-hanut;

Ikkunsidrat:

10.0. Illi tenut kont tas-sintesi fattwali fuq elenkat jirrizulta stabbilit is-segwenti:

10.1. Illi s-socjeta` rikorrenti kienet qed tghin finanzjarjament lill-intimat minhabba r-relazzjoni familjari li kienet zviluppat;

10.2. Illi s-socjeta` rikorrenti forniet lill-intimat bil-merkanzija in dizamina u ghamlet ukoll tajjeb ghall-kera tal-hanut li l-istess intimat beda jiggestixxi;

10.3. Illi meta r-relazzjoni familjari riskontrata itterminat ruhha, ir-rabta kummercjali li zviluppat bejn il-kontendenti giet ukoll xolta;

10.4. Illi fil-mument tax-xoljiment tar-relazzjoni kummercjali *de quo* il-posizzjoni finanzjarja bejn il-kontendenti ikkristallizzat ruhu fl-ammont komplessiv indikat mis-socjeta` rikorrenti fir-rikors guramentat promotur (ara paragrafu wiehed punt wiehed (1.1) aktar qabel);

10.5. Illi mill-ezami fuq sintetikament espost u mill-fatt li l-istess intimat jikkonferma li ghandu jhallas ammont konsiderevoli lis-socjeta` rikorrenti, ghalkemm m'hux kapaci jghid kemm hu dan l-ammont minnu lilha dovut, din il-Qorti tqis li s-socjeta` ippruvat il-kaz taghha fuq il-bazi ta' probabilita` skond il-ligi;

DECIDE

11.0. Illi konsegwentement, in vista tal-premess, filwaqt li tirrespingi ir-risposta tal-intimat takkolji t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti u konsegwentement;

11.1. Tikkundanna lill-intimat Ivan Calleja biex ihallas lis-socjeta` rikorrenti Carmlu Limited is-somma ta' sittax-il elf mitejn u hmistax-il Ewro u sebgha u sebghin centezmu, (€16,215.77), bilanc ta' merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata;

11.2. Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet kif dedotti fir-rikors guramentat promotur, sad-data tal-effettiv pagament.

_______________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**Decizjoni Finali**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------